Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Settembru 2023**
**(OR. en)**

**13011/23**

**EF 272**
**ECOFIN 878**
**DELACT 133**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 6 ta' Settembru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2023) 5912 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta’ 6.9.2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-identifikazzjoni tal-entitajiet bankarji paralleli msemmija fl-Artikolu 394(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 5912 final.

Mehmuż: C(2023) 5912 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2023
C(2023) 5912 final

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**ta' 6.9.2023**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-identifikazzjoni tal-entitajiet bankarji paralleli msemmija fl-Artikolu 394(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 394(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ("ir-Regolament") jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tispeċifika l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-entitajiet bankarji paralleli msemmija fl-Artikolu 394(2) tar-Regolament. Dan jista' jsir wara s-sottomissjoni tal-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji (RTS) mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010,

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza permezz tal-partijiet differenti tal-qafas regolatorju, dan l-att delegat iqis l-iżviluppi internazzjonali u l-istandards maqbula internazzjonalment dwar is-sistema bankarja parallela. Huwa jikkunsidra wkoll jekk: (a) ir-relazzjoni ma' entità individwali jew grupp ta' entitajiet jistax ikollha riskji għas-solvenza jew għall-pożizzjoni ta' likwidità tal-istituzzjoni; u (b) l-entitajiet li jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' solvenza jew ta' likwidità simili għal dawk imposti minn dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE għandhomx ikunu totalment jew parzjalment esklużi mill-obbligu ta' rapportar ta' informazzjoni dwar l-entitajiet bankarji paralleli.

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru (UE) 1093/2010 li jistabbilixxi l-ABE, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi jekk tapprovax l-abbozzi tal-istandards sottomessi fi żmien tliet xhur minn meta tirċevihom. Il-Kummissjoni tista' wkoll tapprova l-abbozz ta' standards b'mod parzjali biss, jew b'emendi, meta l-interessi tal-UE jkunu jirrikjedu dan, filwaqt li tqis il-proċedura speċifika stabbilita f'dawk l-Artikoli.

### 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 10(1), it-tielet subparagrafu tar-Regolament Nru (UE) 1093/2010, l-ABE wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sottomess lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 394(4) tar-Regolament. L-Awtorità analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Fis-26 ta' Lulju 2021 ġie ppubblikat dokument ta' diskussjoni u d-diskussjoni għalqet fis-26 ta' Ottubru 2021.

Kif mitlub speċifikament mill-Kummissjoni, dan l-abbozz ta' RTS u l-memorandum ta' spjegazzjoni biss huma sottomessi lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' dan l-abbozz ta' RTS. Inkluża fir-rapport finali li jakkumpanja dan l-abbozz ta' RTS, hemm l-informazzjoni ta' sfond kollha, b'mod partikolari l-isfond u r-raġunament tal-abbozz ta' RTS, il-valutazzjoni tal-impatt u l-feedback dwar il-konsultazzjoni pubblika. Dan ir-rapport ġie approvat mill-Bord ta' Superviżuri tal-ABE fl-20 ta' Mejju 2022 u ġie ppubblikat fuq is-sit web pubbliku tal-ABE.

### 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-att delegat jispeċifikaw: (i) il-kriterji għall-identifikazzjoni kemm tal-entitajiet bankarji paralleli kif ukoll tal-entitajiet bankarji mhux paralleli; (ii) id-definizzjoni ta' attivitajiet u servizzi bankarji; u (iii) il-kriterji għall-esklużjoni ta' entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi milli jitqiesu bħala entitajiet bankarji paralleli.

Dawn l-abbozzi ta' RTS huma allinjati mal-Linji gwida dwar il-limiti tal-iskoperturi għall-entitajiet bankarji paralleli li jwettqu attivitajiet bankarji barra mill-qafas regolat skont l-Artikolu 395(2) tar-Regolament.

L-entitajiet li jwettqu attivitajiet jew servizzi bankarji li jkunu ġew awtorizzati u jkunu ssorveljati f'konformità mal-qafas regolatorju li jikkonsisti fi kwalunkwe wieħed mill-atti legali msemmija fl-Anness I ta' dan l-abbozz ta' RTS (jew li jkunu parti minn grupp sorveljat fuq din il-bażi), ma jridux jitqiesu bħala entitajiet bankarji paralleli. L-istess trattament irid japplika għall-entitajiet li jkunu eżentati jew esklużi mill-applikazzjoni ta' wħud minn dawk l-atti legali, b'mod partikolari r-Regolament, id-Direttiva 2013/36/UE, ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew id-Direttiva 2009/138/KE. L-entitajiet l-oħra kollha li jipprovdu attivitajiet u servizzi bankarji jridu jitqiesu bħala entitajiet bankarji paralleli, b'regoli speċifiċi li japplikaw għal ċerti impriżi ta' investiment kollettiv.

Għal entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz, l-abbozz ta' RTS jiddistingwi bejn istituzzjonijiet u entitajiet oħra. L-istituzzjonijiet ma jridux jiġu identifikati bħala entitajiet bankarji paralleli jekk ikunu awtorizzati u ssorveljati minn awtorità superviżorja li tapplika regoli ta' regolamentazzjoni u superviżjoni bankarja bbażati fuq mill-inqas il-Prinċipji Fundamentali ta' Basel għal kontroll bankarju effikaċi; entitajiet oħra ma jridux jiġu identifikati bħala entitajiet bankarji paralleli jekk ikunu soġġetti għal reġim regolatorju rikonoxxut bħala ekwivalenti għal dak applikat fl-UE għal tali entitajiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' ekwivalenza tal-att legali rilevanti tal-UE.

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 6.9.2023**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-identifikazzjoni tal-entitajiet bankarji paralleli msemmija fl-Artikolu 394(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 394(4), ir-raba' subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Is-sistema bankarja parallela tista' twassal għal żieda fir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. L-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jtaffu dak ir-riskju. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-entitajiet li huma soġġetti għal tali awtorizzazzjoni u superviżjoni ma għandhomx jitqiesu bħala entitajiet bankarji paralleli. Għal dak il-għan, huwa meħtieġ li dan id-dritt tal-Unjoni jiġi speċifikat.

(2) Matul il-kriżi riċenti tal-COVID-19, il-fondi tas-suq monetarju ffaċċjaw kwistjonijiet ta' likwidità severi. Dan enfasizza li r-riskji assoċjati mal-fondi tas-suq monetarju, b'mod partikolari f'kundizzjonijiet ta' stress fis-suq, mhumiex mitigati għalkollox mir-rekwiżiti prudenzjali eżistenti fl-Unjoni u għalhekk, jistgħu jwasslu għal riskju akbar għall-istabbiltà finanzjarja. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-iskoperturi għal fondi tas-suq monetarju jitqiesu bħala skoperturi għal entitajiet bankarji paralleli.

(3) Il-fondi ta' investiment alternattivi, li jużaw ingranaġġ fuq bażi sostanzjali, jinvolvu riskji addizzjonali, u mill-perspettiva prudenzjali, mhuwiex meqjus li r-rekwiżiti imposti fuq il-maniġers tal-assi tagħhom skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistgħu jimmitigaw dawn ir-riskji b'mod adegwat[2]. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet iqisu l-fondi ta' investiment alternattivi bħala entitajiet bankarji paralleli meta dawn l-impriżi jużaw ingranaġġ fuq bażi sostanzjali, joriġinaw self matul il-perkors ordinarju tan-negozju tagħhom, jew jixtru skoperturi ta' għoti ta' self ta' partijiet terzi għalihom stess.

(4) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ma jikkunsidrawx bħala entitajiet bankarji paralleli istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu ttrattati bħala istituzzjonijiet għall-kalkolu ta' assi

[1] ĠU L 176 27.6.2013, p. 1.

[2] Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p 1).

ponderati għar-riskju skont l-approċċ standardizzat stabbilit fl-Artikolu 119(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, peress li dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji ikunu awtorizzati u ssorveljati mill-awtoritajiet kompetenti u soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali komparabbli, f'termini ta' robustezza, għal dawk applikati għall-istituzzjonijiet.

(5) Minħabba n-natura pubblika jew semipubblika tagħhom jew l-istatus kooperattiv tagħhom, ċerti entitajiet huma espliċitament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] u r-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ma jqisux dawk l-entitajiet bħala entitajiet bankarji paralleli.

(6) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] jeskludi ċerti impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, minħabba d-daqs tagħhom. Peress li dawn l-impriżi huma żgħar, ma joħolqux riskju sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ma jqisux dawn l-impriżi bħala entitajiet bankarji paralleli.

(7) L-attivitajiet ta' intermedjazzjoni tal-kreditu ta' entitajiet li huma parti minn grupp mhux finanzjarju, imwettqa f'isem entitajiet oħra fi ħdan dak il-grupp mhux finanzjarju, għandhom ambitu limitat. Għal dik ir-raġuni, dawn ma joħolqux riskju sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja u għalhekk jenħtieġ li ma jiġux identifikati bħala entitajiet bankarji paralleli.

(8) Jenħtieġ li entitajiet li jkunu inklużi fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata ta' istituzzjonijiet li huma soġġetti għar-rekwiżiti prudenzjali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma jiġux identifikati bħala entitajiet bankarji paralleli, peress li r-riskji ta' dawk l-entitajiet jinqabdu f'livell konsolidat.

(9) Il-Prinċipji Fundamentali ta' Basel għal kontroll bankarju effikaċi jirrappreżentaw prinċipji maqbula internazzjonalment u pedament sod għar-regolamentazzjoni, is-superviżjoni, il-governanza, u l-ġestjoni tar-riskju tas-settur bankarju ta' pajjiż. Għalhekk, jenħtieġ li istituzzjoni ta' pajjiż terz li tkun ġiet awtorizzata u ssorveljata minn awtorità superviżorja li tapplika dawk il-Prinċipji Ewlenin ta' Basel ma toħloqx riskju sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja u jenħtieġ li ma tiġix identifikata bħala entità bankarja parallela.

(10) Għall-istess raġuni, jenħtieġ li s-sussidjarji ta' impriża prinċipali awtorizzata u ssorveljata f'konformità mal-Prinċipji Ewlenin ta' Basel u li huma inklużi fil-konsolidazzjoni u s-superviżjoni prudenzjali fuq bażi konsolidata ta' dik l-impriża prinċipali ma jitqisux bħala entitajiet bankarji paralleli.

---

[3] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

[5] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

(11) Il-punti 1, 2, 3, 6, 7, 8 u 10 tal-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE jelenkaw ċerti servizzi u attivitajiet bħala servizzi u attivitajiet bankarji. Madankollu, hemm servizzi u attivitajiet oħra mwettqa minn ċerti entitajiet li huma simili ħafna għal dawk is-servizzi u l-attivitajiet bankarji, meta dawn jinvolvu it-trasformazzjoni tal-maturità, it-trasformazzjoni tal-likwidità, l-ingranaġġ, jew it-trasferiment tar-riskju tal-kreditu. Jenħtieġ li dawk is-servizzi u l-attivitajiet, għal dik ir-raġuni, jitqiesu bħala servizzi bankarji u attivitajiet għall-identifikazzjoni ta' entitajiet bankarji paralleli.

(12) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sottomess lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

(13) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Kriterji għall-identifikazzjoni ta' entitajiet bankarji paralleli**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw bħala entità bankarja parallela:

(a) kwalunkwe entità li toffri servizzi bankarji jew li twettaq attivitajiet bankarji kif stabbilit fl-Artikolu 2 u li ma tkunx awtorizzata u ssorveljata skont kwalunkwe wieħed mill-atti tal-Unjoni elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(b) kwalunkwe impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli kif definita fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], meta dawk l-impriżi jkunu awtorizzati bħala fondi tas-suq monetarju kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8];

(c) kwalunkwe fond ta' investiment alternattiv kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE, meta tapplika kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) il-fond ta' investiment alternattiv ikun awtorizzat bħala fond tas-suq monetarju kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/1131;

(ii) il-fond ta' investiment alternattiv ikun juża ingranaġġ fuq bażi sostanzjali kif stabbilit fl-Artikolu 111(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013[9];

---

6 Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

7 Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (riformulazzjoni), (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

8 Ir-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 8).

9 Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-

(iii) il-fond ta' investiment alternattiv ma jkunx ipprojbit milli joriġina self matul il-perkors ordinarju tan-negozju tiegħu jew milli jixtri skoperturi ta' self ta' partijiet terzi għalih stess abbażi tar-regoli jew tal-istrumenti ta' inkorporazzjoni tiegħu.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jidentifikaw l-entitajiet li ġejjin bħala entitajiet bankarji paralleli:

(a) istituzzjonijiet finanzjarji li l-iskoperturi tagħhom jkunu ttrattati skont l-Artikolu 119(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) kwalunkwe entità li tkun eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) id-Direttiva 2013/36/UE;

(ii) ir-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(iii) id-Direttiva 2009/138/KE;

(iv) ir-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) kwalunkwe entità li tkun eżentata mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) id-Direttiva 2013/36/UE;

(ii) ir-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(iii) id-Direttiva 2009/138/KE;

(iv) ir-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) kwalunkwe entità li tkun parti minn grupp mhux finanzjarju li l-attività prinċipali tagħha tkun li twettaq attivitajiet ta' intermedjazzjoni tal-kreditu għall-impriża prinċipali tagħha jew għas-sussidjarji tagħha jew għal sussidjarji oħra tal-impriża prinċipali tagħha;

(e) kwalunkwe entità li tkun inkluża fis-superviżjoni ta' istituzzjoni fuq bażi konsolidata;

(f) kwalunkwe entità stabbilita f'pajjiż terz li tkun tissodisfa kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(i) l-entità tkun ġiet awtorizzata u tkun issorveljata minn awtorità superviżorja ta' pajjiż terz skont il-Prinċipji Fundamentali ta' Basel għal kontroll bankarju effikaċi;

(ii) ir-reġim regolatorju tal-pajjiż terz, li f'konformità miegħu l-entità tkun ġiet awtorizzata u tkun issorveljata, ikun ġie rikonoxxut bħala ekwivalenti għal dak applikat fl-Unjoni għal tali entitajiet skont id-dispożizzjonijiet ta' ekwivalenza tal-att legali applikabbli tal-Unjoni msemmi fl-Anness;

(iii) l-entità tkun inkluża fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata ta' istituzzjoni li tkun ġiet awtorizzata u tkun issorveljata minn awtorità superviżorja ta'

---

eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni (ĠU L 83, 22.3.2013, p. 1).

pajjiż terz li tapplika regolamentazzjoni u superviżjoni bankarja abbażi tal-Prinċipji Fundamentali ta' Basel għal kontroll bankarju effikaċi.

*Artikolu 2*

**Servizzi u attivitajiet bankarji**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 1, dawn li ġejjin għandhom jikkostitwixxu servizzi u attivitajiet bankarji:

   (a) l-attivitajiet imsemmija fil-punti 1, 2, 3, 6, 7, 8 u 10 tal-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE;

   (b) kwalunkwe servizz jew attività oħra li tkun tinvolvi trasformazzjoni tal-maturità, trasformazzjoni tal-likwidità, ingranaġġ jew trasferiment ta' riskju tal-kreditu.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-attivitajiet u s-servizzi li jikkonsistu fl-ikklerjar kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 ma għandhomx jikkostitwixxu servizzi u attivitajiet bankarji.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6.9.2023

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
*Ursula VON DER LEYEN*